## 3 ta' April, 1964

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President**

**Onor. T. Gouder, LL.D.**

**Onor. J. Flores, BL.Can., LL.D.**

Angiolina mart Giorgio Spiteri

versus

Giorgio Spiteri.

**Konjugi — Separazzjoni Personali — Rikonċiljazzjoni — Art. 50(1) u 75 tal-Kodiċi Ċivili**

*Ir-rikonċiljazzjoni tippresupponi neċessarjament il-konoxxenza fil-konjugi offiż tal-ħtijiet tal-kunjugi l-ieħor, il-volontà li ma jżommx iktar kont ta' dawk il-ħtijiet, u ċ-ċessazzjoni ta' dawk il-ħtijiet da parti tal-konjugi li jkun irrenda ruħu ħati tagħhom. Trid tkun inoltri inkondizzjonata, jiġifieri mingħajr patti jew riservi li jkunu jistgħu jġibu m'hux rikonċiljazzjoni imma biss tentattiv tagħha u trid tkun ġejjana minn volontà libera u esenti minn vizzju, jiġifieri trid tkun ċerta, espliċita u positiva, u kwindi, meta tkun taċita, trid tkun tirriżulta minn fatti li ma jkunux jistgħu altrimenti jiġu spjegati jekk mhux bir-remissjoni tal-ħtija, minn fatti tali li ma jħallu ebda dubbju dwar il-volontà tar-reunjoni f'paċi u konkordja.*

*Fil-interpretazzjoni tal-fatti għandhom jittieħdu fil-kont il-karattru tal-konjugi, il-pożizzjoni soċjali tagħhom, l-edukazzjoni u l-elementi kollha subjettivi li jiddeterminaw il-valur morali tal-azzjonijiet tal-bniedem.*

*Ir-relazzjonijiet intimi, mhux dejjem jistabilixxu fatt deċisiv, għaliex jistgħu jiġu interpretati bħala effett ta' ħsieb li huma doverusi sakemm tiġi pronunzjata s-separazzjoni, jew bħala mezz biex jiġu evitati gwaj minaċċati jew temuti.*

*Il-Qorti:*— *Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-*Prim Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina li biħ l-attriċi, peress li l-konvenut żewġha rrenda ruħu ħati versu lejha ta' sevizji, minaċċi u nġurji gravi, talbet li — premessi d-dikjarazzjonijiet opportuni u *mogħtija* l-provvedimenti meħtieġa:— (1) il-konvenut jiġi dikjarat ħati versu lejha, ta' eċċessi, sevizji u nġurji gravi, (2) tiġi dikjarata s-separazzjoni *personali* tagħha *mill-konvenut minħabba* l-ħtija ta' l-istess konvenut, u (3) il-konvenut jiġi kkundannat jissomministralha pensjoni alimentari fl-ammont u taħt il-kondizzjonijiet li jiġu stabiliti minn dina l-Qorti. Bl-ispejjeż. kompriżi dawk tal-*proċedura* quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili.

Rat *in-nota* tal-eċċezzjonijiet tal-*konvenut* li biha ssottometta (a) preliminarjament, li bejnu u l-attriċi saret rikonċiljazzjoni u għalhekk m'hemmx lok għat-talbiet attriċi, u (b) fil-meritu u bla preġudizzju li d-domandi attriċi għandhom jiġu riġettati peress li hu qatt *ma* ta lok għas-separazzjoni, u kienet l-attriċi li mingħajr ebda kawża telqet u abbandonat id-dar konjugali biex tmur tgħix malfamilja tagħha.

Rat is-sentenza mogħtija fis-6 ta' Frar, 1964, mill-Qorti fuq indikata li biha ġiet milqugħa l-eċċezzjoni tal-konvenut fis-sens li bejnu u l-attriċi saret *rikonċiljazzjoni* u għalhekk ma hemmx lok għat-talbiet tagħha u kwindi *dawn it-talbiet ġew miċħuda*; però mingħajr taxxa ta' l-*ispejjeż in konsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi tal-każ u wkoll* tal-fatt illi r-raġuni li għalija t-talbiet ma ġewx investiti fil-meritu ġrat wara li mbdew il-proċeduri — wara li dik il-Qorti kkunsidrat:

Illi l-attriċi talbet is-separazzjoni personali tagħha

mill-konvenut żewġha, u dan eċċepixxa r-rikonċiljazzjoni: fid-dikjarazzjoni tal-fatti hu spjega li dan ġara wara li l-attriċi kienet ippreżentat l-att taċ-ċitazzjoni preżenti, u għalhekk it-teżi konvenuta hi li kien hemm il-kondonazzjoni da parti tal-attriċi tal-ħtijiet eventwali li sata kien hemm kontra tagħha mill-konvenut fis-sens ta' l-artikolu 50(1) tal-Kodiċi Ċivili, u mhux rikonċiljazzjoni fis-sens li kien hemm separazzjoni bejn il-kontendenti li marru mbagħad flimkien u spiċċaw l-effetti tagħha kif kontemplat fl-art. 75 tal-istess Kodiċi. Dina l-ispjegazzjoni qegħda tingħad peress illi l-kontendenti u anki biss l-attriċi, tkellmu fuq separazzjoni preċedenti bejn il-kontendenti u ċirkostanza simili tissemma fix-xhieda tagħhom; mentri fil-fatt qatt ma kien hemm vera separazzjoni, ġudizzjarja jew konsenswali, għalkemm l-attriċi kienet telqet mid-dar konjugali u talbet u rebħet kontra l-konvenut il-ħlas ta' rata alimentarja billi ġie ritenut li kellha raġun tagħmel kif għamlet minħabba l-imġieba tal-konvenut. Dan jirriżulta minn dika l-kawża għall-alimenti, deċiża fis-16 ta' Marzu, 1960, li għaliha saret riferenza. Billi mbagħad, wara dik il-kawża, il-konvenut kera post għalih u għall-attriċi u marru flimkien (qabel kienu joqgħodu fl-istess post ma' wlied il-konvenut mill-ewwel żwieġ tiegħu), il-kontendenti rriferew għal dana l-fatt bħala rikonċiljazzjoni wara separazzjoni; dan però ma hux legalment eżatt.

Illi għall-finijiet pratiċi dina d-distinzzjoni ma tantx jista jkollha mportanza u saret biss sabiex il-każ ikun iżjed definit sew u l-fatti deposti jistgħu jitqegħdu aħjar fil-kwadru ġenerali tal-kwistjoni. Din, jiġi ripetut, hi ta' separazzjoni li l-attriċi qegħda titlob kontra l-konvenut u dan qed jeċċepixxi li fil-kors tal-kawża stess u kwindi ndipendentement minn dak li ġara qabel, l-attriċi aġiet b'mod li jfisser kondonazzjoni ta' l-eventwali ħtijiet tal-konvenut u kwindi l-azzjoni għandha taqa. Huwa dana l-punt għal-

hekk li għandu jiġi deċiż l-ewwel, u ċioe jekk dana l-aġir tal-attriċi u l-korrispondenza għalih tal-konvenut kienx ifisser li dawna rrikonċiljaw ruħhom.

Illi f'dina l-materja hu *prinċipju li dana l-aġir jinduċi* li fil-fehma tal-partijiet sejra terġa jkollha kors bejniethom il-ħajja konjugali b'mod permanenti; l-atteġġjament tagħhom fih innifsu jrid ikun kontra dak li jimplika allontanment, flok ġibda, bejniethom u kwindi jikkozza ma' dak li għall-kuntrarju hu konċiljabili mas-separazzjoni. Issa fil-każ presenti jirriżulta li għalkemm iħobb kull tant jixrob u meta jkun fi stat xurban ma jittrattax tajjeb malattriċi martu — u din kienet ir-raġuni bażi tad-deċiżżjoni ta' qabel li kkundannatu jħallas l-alimenti lill-istess martu — dina kienet reġgħet marret miegħu pero telqet għaliex kien hemm ċerti ndiżi li dina *l-ħajja kienet sejra terġa* tibda; f'dana l-każ pero ser ikun hemm kawża anqas ta' possibili dissidju billi l-kontendenti bdew jgħixu għal rashom u mhux ma wlied il-konvenut. Mill-banda l-oħra, pero, irriżulta wkoll, li l-attriċi għandha ommha apopletika u din ma għandiex lil ħaddieħor, barra mill-attriċi stess, li jista verament idur biha, u l-konvenut proprju jsemmi li hu kien joġġezzjona li l-attriċi, meta tmur tara l-ommha kienet tispiċċa biex iddum għandha ġranet iżjed milli kien jixraq. Taħt dawna ċ-ċirkostanzi mhux inverosimili li l-attriċi qegħda ssib raġuni biex hija tkun tista iżjed tgħin lil ommha. u konferma ta' dan tinstab *fl-atteġġjament* tagħha matul il-kawża meta, b'riferenza għat-talba li kienet għamlet għall-alimenti provvisorji, hija dehret li ssibha diffiċli tmur toqgħod fl-istess dar konjugali li mponielha l-konvenut. għalkemm hija, dejjem ippruvat turi l-kuntrarju; fil-fatt hija ma raqdetx wisq f'dika d-dar u kienet tippreferixxi li toqgħod ma' ommha;

Illi fid-dawl ta' dina l-aħħar konsiderazzjoni, il-viżiti

li ghamlet l-attriċi f'dina d-dar wara l-presentata taċ-ċitazzjoni sal-ewwel darba għall-kawża (meta evidentement fehmet il-konsegwenza possibili tal-istess visiti, li qatgħet) jassumi bilfors ċerta mportanza; infatti dawna kienu biżżejjed frekwenti (almenu għaxart darbiet) u f'kull okkażżjoni, kif spiċċat ammettiet, hija u l-konvenut kellhom relazzjonijiet intimi bejniethom: hija kienet tmur min rajha — semmiet li kienet tmur biex tirċevi l-manteniment u anki biex tnaddaf għax kien għad kellha ħwejjiġha — u ġie li l-konvenut sabitu d-dar u ġie li dan irritorna meta hi kienet hemm; ġara mill-ewwel darba dak li ġa ntqal u ntant baqgħet tmur u marret diversi drabi; sar ukoll diskors li tibqa u aċċettat basta l-konvenut ma jiskirx, dan fil-fatt ma sikerx, u ntant hi reġgħet marret l-istess għand ommha;

Illi fil-fehma tal-Qorti dana l-atteġġjament tal-attriċi, li telqet mid-dar konjugali pre-ordinatament għas-separazzjoni tagħha, m'hu xejn konċiljabbili ma l-istituzzjoni u prosegurment ta' proċeduri għal dan l-iskop, iżda hu konċiljabbili ma' kontinwazzjoni tal-ħajja konjugali kondizzjonata għall-viziti tali lil ommha li jippermettulha ddur biha kif jidher xieraq lilha stess independentement mill-fehma ta' żewġha l-konvenut li, għandu jingħad, ma jidherx irraġonevoli f'dana r-rigward. Differentement hi ma kienetx tħalli affarijiet warajha u ma kienetx tkompli tinteressa ruħha mid-dar u tmur taħseb fil-konvenut b'dak kollu li segwa. Li mbagħad hija kienet sejra tirritorna għall-ħajja konjugali u kwindi tinsa dak li sata kien hemm li jostakola l-istess billi tirrinunzja wkoll għall-azzjoni li kienet bdiet — li hu l-punt veramen importanti tal-kwistjoni — jgħidu espressament ukoll il-konvenut, fis-sens li fihem li kienet sejra tagħmel hekk. F'kull każ għaldaqstant iwassal l-atteġġjament tagħ-

ha kif infisser u riżultat billi altrimenti tispiċċa s-serjeta li għandha takkompanja l-gravita li hija proprja tal-proċedura li hija kienet iniżjat u komodament hija tkun qegħda tirrestrinġi u tadatta r-relazzjonijiet ma' żewġha b'dak il-mod u għal dak li l-iżjed ikun konformi max-xewqat tagħha u tħallihom mexjin fil-miżura wkoll għaliha aċċetta, fil-waqt li wkoll iżżomm miexja l-proċedura hekk iniżjata li proprju u fin-natura tagħha għandha teskludi l-istess relazzjonijiet; l-atteġġjament ta' l-attriċi huwa għal hekk imkompatibili mal-prosegwiment tal-kawża billi jammonta għal-kondonazzjoni tal-ħtijiet li eventwalment sata kellu l-konvenut u, kif dan qal, bejniethom kienet saret ir-rikonċiljazzjoni, jekk kien hemm interruzzjoni fil-ħajja konjugali.

Rat in-nota ta' l-appell tal-attriċi u l-petizzjoni tagħha għar-revoka ta' l-imsemmija sentenza billi tiġi respinta l-eċċezzjoni tal-konvenut fis-sens li kien hemm rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut, u billi t-talbiet attriċi jiġu milqugħa bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess konvenut.

Rat ir-risposta tal-konvenut li biha talab illi l-istess sentenza tiġi konfermata, bl-ispejjeż.

Rat l-attijiet l-oħra kollha tal-kawża.

Semgħet lill-attriċi.

Semgħet lid-difensuri tal-kontendenti.

Ikkunsidrat:

Kif sewwa rrilevat l-ewwel Qorti, l-eċċezzjoni tal-konvenut hi bażata fuq id-disposizzjoni kontenuta fl-artikolu

50(1) tal-Kodiċi Ċivili. Skond dina d-disposizzjoni l-azzjoni għas-separazzjoni personali tispiċċa bir-rikonċiljazzjoni tal-konjuġi.

Għalkemm il-liġi tagħna ma tgħijdux espressament, kif jagħmlu liġijiet oħra esteri, ma hemmx dubju, iżda, kunsiderat il-kliem adoperat fl-imsemmija disposizzjoni ta' liġi, illi r-rikonċiljazzjoni tista tkun anterjuri u posterjuri għad-domanda għas-separazzjoni personali: fl-ewwel każ *tirrendi inamissibili d-domanda; fit-tieni każ tinduċi l-abbandun tagħha.*

Hu ndifferenti jekk ir-rikonċiljazzjoni tkun damet jew le, il-għaliex il-fatt tar-rikonċiljazzjoni jħassar il-ħtijiet mogħddija, inveru, ir-rikonċiljazzjoni għandha l-fondament etiku u ġuridiku tagħha fil-virtu tal-maħfra akkordat mill-konjuġi offiż lil dak kolpevoli, u appuntu għalhekk, u għaliex timplika l-ftehim bejn il-konjuġi lijirriprendu, jew li jikkontinwaw, il-ħajja komuni u ma jaħsbux għas-separazzjoni personali minħabba fihom, ir-rikonċiljazzjoni tippresupponi neċessarjament il-konoxenza fil-konjuġi offiż tal-ħtijiet tal-konjuġi l-ieħor; il-volonta li ma jżommx iktar kont ta' dawk il-ħtijiet, u ċ-ċessazzjoni ta' dawk il ħtijiet da parti tal-konjuġi li jkun irrenda ruħu ħati tagħhom. Trid tkun inoltri inkondiżżjonata, iġifieri mingħajr patti jew riservi li jkunu jistgħu juru mhux rikonċiljazzjoni imma biss tentativ tagħha u trid tkun temana min volonta libera u esenti min vizzju, iġifieri trid tkun ċerta, espliċita u positiva, u kwindi, meta tkun taċita, trid tkun tirriżulta minn fatti li ma jkunux jistgħu altrimenti jiġu spjegati jekk mhux bir-remissjoni tal-ħtija, min fatti tali li ma jħallu ebda dubbju dwar il-volonta tar-rijunjoni f'paċi u konkordja.

Il-prinċipji fuq enunċjati ġew evidentement rikonoxuti

mill-ewwel Qorti meta fis-sentenza denunċjata qalet li f'din il-materja hu prinċipju li dan l-aġir (l-aġir ta' l-attriċi u l-korrispondenza għalih tal-konvenut) jinduċi li fil-fehma tal-partijiet sejra terġa jkollha kors bejniethom il-ħajja konjugali b'mod permanenti; l-atteġġjament tagħhom fih innifsu jrid ikun kontra dak li jimplika allontanament flok ġibda bejniethom u kwindi jikkozza ma' dak li għall-kuntrarju hu konċiljabili mas-separazzjoni, iżda, bir-rispett kollu, din il-Qorti ma tħossx li għandha taqbel ma l-ewwel waħda fis-sens illi l-atteġġjament ta' l-attriċi, li telqet mid-dar kunjugali pre-ordinatament għas-separazzjoni tagħha, m'hu xejn konċiljabili ma l-istituzzjoni u proseg-wiment ta' proċeduri għal dan l-iskop, iżda hu konċiljabbli ma kontinwazzjoni tal-ħajja konjugali kondizzjonata għall-visiti, tali lil ommha, li jippermettulha ddur biha kif jidher xieraq lilha stess indipendentement mil-fehma ta' żewġha, l-konvenut, li ma jiddhirx irraġonevoli f'dana r-rigward.

Dana l-atteġġjament ta' l-attriċi, konċiljabili mal-kontinwazzjoni tal-ħajja konjugali, iġifieri l-intenzzjoni ta' l-attriċi li tirrikonċilja ruħha ma' żewġha u li kwindi tinduċi rinunzja għat-talba jew l-abbandun tagħha, l-ewwel Qorti fid-dawl tal-konsiderazzjoni li omm l-attriċi hija apopletika u ma għandiex lil ħaddieħor, ħlief l-istess attriċi, li jista verament idur biha, irrikovatu mil-fatti riżultanti mid-deposizzjoni ta' l-istess attriċi, iġifieri mil-visiti biż-żejjed frekwenti — almenu għaxra — fid-dar ta' żewġha; mil-fatt li f'kull visita kien ikun hemm relazzjonijiet intimi bejniethom u mil-fatt li f'waħda minn dawk il-visiti sar ukoll diskors bejn l-attriċi u żewġha fis-sens — kif jingħid fis-sentenza appellata — li hu talabha u hi aċċettat li tibqa, basta li hu ma jiskirx.

Pero, għandu jiġi osservat illi mid-deposizzjoni ta' l-

attriċi — u ma hemm l'ebda prova oħra fil-proċess li tista verament titfa dawl fuq ir-rikonċiljazzjoni — jirriżulta wkoll illi hi kienet tagħmel l-imsemmijin visiti fid-dar ta' żewġha biex tnaddaf, għaliex kien għad kellha hemm ħwejjiġha, u biex tmur għall-flus tal-manteniment tagħha; li kienet toqgħod għall-konġjungimenti karnali l'għaliex kien jeddidha li jekk ma toqgħodx għalihom ma jibqax imantiniha, u li, fuq talba tiegħu, aċċettat li tibqa, mhux għal dejjem, imma għal dak il-lejl biss. Dana jirriżulta ċar mill-patt li għamlitlu li ma jiskirx għal dik il-lejla — qalet, difatti, li ma sikirx — u mil-fatt li qaltlu wkoll ċar u tond li l-għada tmur għand ommha, għalkemm in segwitu xeħdet li qaltlu li sejra l-għada.

Ġa ntqal li l-fatti li minnhom tkun tista tiġi deżunta r-rikonċiljazzjoni jridu jkunu tali li ma jħallu l'ebda dubbju fuq il-volonta tal-konjuġi li jerġgħu jingħaqdu f'konkordja, u hawn jista jiżdied li fl-interpretazzjoni ta' dawn il-fatti għandhom jittieħdu fil-kont il-karattru tal-konjuġi, il-posizzjoni soċjali tagħhom, l-edukazzjoni u l'elementi kollha subbjettivi li ddeterminaw il-valur morali ta' l-azzjonijiet tal-bniedem.

Issa, l-aħħar ċirkostanza fuq rikordata ma tistax tinduċi fl-attriċi l-ħsieb serju tar-restawrazzjoni tal-konvivenza konjugali, u dan anki għaliex — kieku l-imsemmija promessa tagħha setgħat tiġi nterpretata fis-sens li tibqa fid-dar ta' żewġha mhux għal dak il-lejl biss, kondizzjonata kif kienet dik il-promessa, ma tistax tittieħed bħala rikonċiljazzjoni imma biss bħala tentativ ta' rikonċiljazzjoni, fi kliem ieħor terminu ta' prova li akkordat lil żewġha. Riferibilment għar-relazzjonijiet intimi, kif josservaw id-duttrina u l-ġurisprudenza, dawna mhux dejjem jikkostitwixxu fatt deċisiv, il-għaliex jistgħu jiġu nterpre-

tati bħala effett ta' ħsieb li huma doverusi sakemm tiġi pronunzjata s-separazzjoni — interpretazzjoni dina li pero ma jidhirx li tista tingħata fil-każ presenti — jew bħala mezz — u dina l-interpretazjoni jidher li tista tiġi mogħtija fil-każ presenti — biex jiġu evitati gwaj minaċċjati jew temuti, u fl-aħħarnett, kwantu għall-visiti li l-attriċi għamlet fid-dar ta' żewġha ir-raġuni li hi tagħt għalihom ma tistax ċertament tittieħed bħala volonta da parti tagħha ta' ripristinament tal-konvivenza konjugali.

Għaldaqstant l-eċċezzjoni tar-rikonċiljazzjoni opposta mil-konvenut ma tistax tiġi akkolta u kwindi:

Tilqa l-appell u tirrevoka s-sentenza denunċjata billi tirrespinġi l-eċċezzjoni tar-rikonċiljazzjoni opposta mil-konvenut u tordna illi l-atti tal-kawża jiġu mibgħuta lill-ewwel Qorti sabiex tiġi trattata fil-meritu, salvi eċċezzjonijiet oħra preliminari.

L-ispejjeż, tant tal-ewwel kemm ta' din l-istanza, jitħallsu mil-konvenut appellat.